# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. DR DAVID SICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

Prim’Awla tal-Qorti Civili

Mandat 4460/99

Maltacom p.l.c.
vs
Melita Cable p.l.c.

Illum, 9 ta’ Novembru 1999

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta’ rikorrenti pprezentat fit-12 ta’ Ottubru 1999 u d-digriet ta’ l-istess jum;

Rat ir-risposta tas-socjeta’ intimata pprezentata fit-18 ta’ Ottubru 1999;

Rat id-digriet tad-19 ta’ Ottubru 1999 fejn giet provvizorjament milqugha t-talba tas-socjeta’ rikorrenti;

Rat id-dokumenti esibiti u l-atti l-ohra relattivi;

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi:-

Permezz ta’ dan ir-rikors is-socjeta’ rikorrenti qed titlob il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni sabiex is-socjeta’ intimata tinzamm milli b’kull mod tittrazmetti, tghaddi, ixxandar jew b’kullmod iehor tiddivulga “data services” u “cable internet” mill-facilitajiet li s-socjeta’ intimata kienet stallat gol-istrutturi tas-socjeta’ rikorrenti u li mhumiex purament “cable television transmissions”.

Dan il-mandat isegwi fuq mandat iehor fl-ismijiet inversi (4294/99RCP) fejn is-socjeta’ Melita Cable p.l.c. ottjeniet il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra s-socjeta’ Maltacom p.l.c. permezz ta’ liema mandat l-imsemmija socjeta’ Maltacom p.l.c. giet inibita milli b’xi mod, ikun xi jkun, tmiss jew tikkawza dannu f’cables u apparat iehor mghoddi mill-Melita Cable gewwa jew fuq jew taht l-istrutturi tal-Maltacom skond ftehim li kien intlahaq bejn il-partijiet ta’ l-1 ta’ Gunju 1992. Inoltre permezz ta’ l-imsemmi mandat is-socjeta’ Maltacom giet mizmuma milli timpedixxi, tramite rapprezentanti taghha jew b’mod iehor, access lill-Melita Cable ghall-istess cables u apparat u l-fakolta’ li tirrepara l-istess. It-talba ghall-hrug ta’ dak il-mandat saret wara l-Maltacom bdiet tnehhi l-facilitajiet li kellha l-Melita Cable u timpedixxi l-istess socjeta’ milli tikseb access ghall-istess facilitajiet peress li kienet qed issostni (kif ghada sallum issostni)  li l-ftehim imsemmi gie terminat fl-1 ta’ Ottubru 1999 minhabba inadempjenza tal-Melita Cable.

Fin-nota responsiva taghha tat-18 ta’ Ottubru 1999 is-socjeta’ intimata Melita Cable qed issostni l-ewwelnett li r-rikors odjern huwa intempestiv peress li kull azzjoni tal-Maltacom trid tistenna sakemm l-azzjoni llegali taghha tigi rimedjata billi l-Melita Cable titqieghed fil-pozizzjoni li kienet fiha qabel l-1 ta’ Ottubru 1999 u billi l-Maltacom tieqaf mill-molestja taghha.

Huwa minnu li l-artikolu 791(1) tal-Kap 12 jipprovdi li f’kawza ta’ spoll kull eccezzjoni li ma tkunx dilatorja hi projbita. Issa hawn la qed issir l-azzjoni ta’ spoll u lanqas ma hi qed issir l-azzjoni petitorja u f’kull kaz in vista ta' dak deciz fil-11 ta' Ottubru 1999 fil-mandat imsemmi numru 4294/99RCP dan il-mandat jista' jimxi indipendentement minnu.  Ta’ min ighid ukoll li c-citazzjoni ntavolata mill-Melita Cable kontra l-Maltacom (2264/99 u li kopja taghha giet esibita mis-socjeta’ intimata bhala Dok. HM13) lanqas ma hi azzjoni ta’ spoll sic et simpliciter peress li fiha qed isiru talbiet alternattivi, dawk bazati fuq l-actio spolii skond l-art. 535 tal-Kap 16 u dawk bazati fuq l-azzjoni possessorja skond l-art. 534 tal-Kap 16. Il-Qorti tifhem li dan sar peress li l-mandat ta’ inibizzjoni mahrug kontra l-Maltacom kellu l-effett tieghu. Fid-dikjarazzjoni guramentata tal-Melita Cable annessa mac-citazzjoni msemmija nsibu f’paragrafu 10 li nonostante l-hrug tal-mandat “il-Maltacom ghadha qed tippretendi li l-azzjoni li hadet hi korretta u ma ghamlet xejn biex tqieghed lill-Melita Cable fl-istat li kienet fih qabel l-ispoll jew molestja**, avolja, wara certu dewmien u rezistenza, obdiet il-mandat**” (enfazi tal-Qorti). Waqt it-trattazzjoni tal-mandat gie sottomess mill-abbli difensuri tas-socjeta’ intimata li r-reintegrazzjoni ma tistax titqies kompleta peress li l-

Maltacom qed titlob l-karta ta' l-identita' tar-rapprezentanti tal-Melita Cable qabel ma jaccedu ghall-facilitajiet taghha (haga li ma kenitx issir qabel) u li hemm spejjez x'jithallsu. Dawn mhumiex ragunijiet sufficjenti biex il-Qorti tiskarta t-talba odjerna.

Matul it-trattazzjoni tar-rikors kienu diversi l-punti li ssemmew mill-partijiet izda l-Qorti thoss li m'ghandhiex ghalfejn tidhol f'ezami dettaljat tal-punti kollha mqajma. Difatti ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni jrid ikun hemm il-konkorrenza tas-segwenti elementi:

(1) ir-rikorrenza ta' wiehed mill-fatti li jinsabu elenkati fl-artikolu 873(1) tal-Kap 12, cioe' sabiex jitwaqqaf att milli jsir;

(1) li jkun jidher prima facie li min jitlob il-hrug tal-mandat ghandu d-dritt li jimpedixxi li ssir xi haga li tista' tirrekalu hsara ;

(1) li l-mandat hu necessarju biex jigi mhares id-dritt tar-rikorrenti, u mhux semplicement biex jigu evitati danni.

Is-socjeta' rikorrenti qed tibbaza t-talba ghall-hrug tal-mandat l-ewwelnett fuq l-allegazzjoni taghha li l-ftehim ta' l-1 ta' Gunju 1992 jinsab terminat. Il-Qorti hawn ikollha tistqarr li tikkondividi l-opinjoni espressa minn din il-Qorti diversament presjeduta meta fid-digriet taghha tal-11 ta' Ottubru 1999 fl-atti tal-mandat 4294/99RCP esprimiet il-fehma taghha li l-procedura adottata mill-Maltacom ghat-terminazzjoni tal-ftehim ma kenitx ai termini ta' l-istess ftehim u li l-Maltacom naqset serjament meta hadet il-ligi b'idejha. Difatti huwa car li anke meta jkun hemm kondizzjoni rizoluttiva espressa, f'kaz ta' konflitt hija l-Qorti biss li tista' tiddikjara ftehim xjolt u hadd ma jista' jiehu passi unilaterali li jistghu jissoggettawh sahansitra ghar-rigur tal-ligijiet kriminali tal-pajjiz. Ghalhekk fuq dan il-bazi, talba ghall-hrug ta' mandat ma tistax tirnexxi.

L-istess socjeta' rikorrenti pero' subordinatament qed tirravviza s-sitwazzjoni li l-ftehim ghadu vinkolanti, f'liema kaz t-trazmissjonijiet maghrufa bhala "data services" u "cable internet" qed issostni li ma jistghux jigu trazmessi taht l-istess ftehim. Hawn il-Qorti tirreferi mill-gdid ghad-digriet imsemmi tal-11 ta' Ottubru 1999 fejn ikkonkludiet li prima facie jirrizulta li skond il-ftehim l-uzu tal-cables mis-socjeta' intimata huwa ghal "Cable Television Transmissions" u mhux ghal trazmissjonijiet ohra. Ghalkemm l-istess ftehim jirreferi ghal "cable television services, as described in Section 1.7 of the Agreement between the Government of Malta and Melita Cable TV Limited dated June 3rd 1991", jidher li prima facie tali ftehim kien jirrigwarda wkoll programmi

televizivi u sound (ara per ezempju l-artikolu 2.5 li jitkellem dwar il-"broadcasting licences" moghtija lill-Melita Cable b'dak il-ftehim). Naturalment wiehed ma jistax ma jirreferix ghar-Regolatur li, fl-interpretazzjoni tal-licenzja lil Melita Cable ha pozizzjonijiet apparentement konfliggenti: b'ittra tas-6 ta' Marzu 1998 ighid li "it appears therefore that the licence granted to your company in 1991 did not and could not authorise you to provide any service except a radio or television broadcasting service. This is a service which does not include data transmission not being data transmission in connection with a television broadcasting service"; b'ittra tal-25 ta' Marzu 1999 ighid li "I am pleased to inform you that in terms of your licence, Melita Cable TV p.l.c. is authorsied to distribute data"; u b'ittra datata 29 ta' Settembru 1999 ighid li "although it is acknowledged that Melita Cable has been authorised to distribute data over its system in its licence I consider that an ad hoc licence is required by Melita Cable to act as an Internet Service Provider". Ciononostante dak li principalment huwa taht skrutinju f'dawn il-proceduri huwa l-ftehim bejn il-partijiet ta' l-1 ta' Gunju 1992 u skond dak il-ftehim jidher li prima facie l-partijiet kienu ftehmu dwar "cable television transmissions" fis-sinifikat ordinarju ta' dawk il-kliem. Ghalhekk m'hemmx dubju li s-socjeta' rikorrenti ghandha interess li tassigura li s-socjeta' intimata tittrazmetti biss dawk is-servizzi li dwarhom sar il-ftehim, u cioe' f'dan il-kaz "cable television".

Ghal dak li jirrigwarda "data services" issir referenza ghal-licenzja moghtija lill-Maltacom fejn dawn is-servizzi huma indikati fost l-"exclusive services" li hija awtorizzata tipprovdi s-socjeta' rikorrenti. Dwar l-"internet" issir referenza mill-gdid ghall-ftehim bejn il-partijiet kif ukoll ghall-Avviz Legali 170/99.

Fl-ahharnett in-necessita' ghall-hrug tal-mandat johrog abbondantement car mill-protest tal-Maltacom kontra Melita Cable tat-23 ta' Gunju 1999.

Ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li jezistu l-elementi necessarji ghall-hrug definittiv tal-mandat ta' inibizzjoni mitlub billi hija soddisfatta "prima facie" li s-socjeta' rikorrenti ghandha l-jedd li ma thallix lis-socjeta' intimata tittrazmetti "data services" u "cable internet" mill-facilitajiet li l-Melita Cable stallat go l-istrutturi tal-Maltacom u li mhumiex purament "cable television transmissions", u li l-mandat huwa mehtieg sabiex jithares adegwatament l-imsemmi jedd.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba u tordna l-hrug ta' l-opportun mandat ta' inibizzjoni.

Grazio Galea
D/Registratur